**BORD LI JIRREGOLA L-KERA**

**Magistrat Dr. Josette Demicoli LL.D.**

**Albert Micallef (ID 756658M)**

**Joseph Micallef (ID 185470M)**

**Claudio Micallef (ID 319278M)**

**Robert Micallef (ID 520080M)**

**Carmelo Micallef**

**Catherine Micallef**

**Joyce Micallef**

**Vs**

**Anthony Balzan (ID 764255M)**

Rikors Nru: 134/17

Illum 26 ta' Frar 2018

Il-Bord,

Ra r-rikors guramentat tar-rikorrenti li jaqra hekk:

Illi l-intimat jikri garaxx numru 64, Triq Birkirkara gia Triq il-Kbira, San Giljan gia formanti minn razzett akbar pero' li kien gie separat li nkera

ghal skop kummercajli u l-intimat inghata d-dritt li juzah ghal kwalsiasi natura ta′ negozju basta jgib il-permess skont ma titlob il-ligi u dan skont il-kuntratt ta′ kera hawn anness u mamrkat bhala Dok A.

Illi l-intimat qatt ma ottjena permess ghan-negozju u dan skont ma jirrizulta mill-annessa ricerka immarkata bhala Dok B u ghalhekk il-fond jekk qieghed jintuza, dan qieghed jintuza illegalment u wkoll kontra l-kuntratt ta′ kera relattiv.

Illi ghalhekk l-intimat m′huwiex qieghed jezegwixxi l-kundizzjonijiet tal-kirja relattiva u jew qieghed juza l-fond ghal xorta ohra mill-iskop li ghalih gie mikri.

Illi fil-fehma tal-atturi, l-intimat m′ghandhux difiza xi jressaq ghal dawn it-talbiet.

Ghaldaqstant, l-esponenti jitolbu bir-rispettt lil dan il-Bord joghbu;

1. Jiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smiegh a tenur tal-Artikolu 16A tal-Kapitolu 69 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Jiddikjara li l-intimat m'huwiex qieghed jezegwixxi l-kundizzjonijiet tal-kirja relattiva tal-fond garaxx numru 64, Triq Birkirkara gia Triq il-Kbira , San Giljan gia formanti minn razzett akbar pero li kien gie separat u/jew qieghed juza l-istess fond ghal xorta ohra mill-iskop li ghalieh gie mikri.

3. Jawtorizza lill-atturri jirriprendi l-pussess tal-fond garaxx numru 64, Triq Birkirkara gia Triq il-Kbira, San Giljan gia formanti minn razzett akbar pero′ li kien gie separat u konsegwentement jordna

lill-intimat sabiex fi zmien qasir u perentorju iffisat minn dan il-Bord, l-intimat johrog u jivvaka mill-istess fond.

Ra li l-intimat gie debitament notifikat izda ma deherx sabiex jikkontesta t-talbiet.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidra:

Mill-provi prodotti rrizulta li l-intimat jikri garaxx formanti parti minn razzett akbar skont skrittura privata ffirmata mill-partijiet. L-intimat nonostante li kellu jottjeni permess ghan-negozju baqa' ma ghamilx dan.

L-intimat ma deherx fis-seduta tallum.

Ghal dawn il-motivi, l-Bord jilqa' t-talbiet kollha tar-rikorreni u ai fini tat-tielet (3) talba jiprefiggi terminu perentorju ta' tletin (30) jum.

Bl-ispejjez a karigu tal-intimat.

**Dr Josette Demicoli LL.D.**
**Magistrat**

**Lorianne Spiteri**
**Deputat Registratur**